MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)

**Illum t-Tnejn, 8 ta' April 2019**

Rikors Numru 96/2018

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 2394/17 fl-ismijiet**

**Paul Borg (ID 5651M)**

**vs**

**Gordon Sammut (ID 95878M)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

**1.** Rat ir-rikors promotur ippresentat minn Gordon Sammut fis-17 ta' April 2018, fejn qal is-segwenti:

> 1. *Illi fis-26 ta' Ottubru 2017, l-intimat ipprezenta l-ittra ufficjali surreferita u permezz taghha interpella lill-esponenti sabiex ihallas is-somma ta' tlett elef Ewro (3,000) ghal xogholijiet ta' appalt.*
>
> 2. *Illi l-esponenti ma giex debitament notifikat skond il-Ligi bl-ittra ufficjali surreferita u dan stante li:*

a. *l-ittra ufficjali ma ntbaghtetx fir-residenza ta' l-esponenti izda ntbaghtet fuq il-post tax-xoghol ta' l-esponenti fejn giet notifikata r-receptionist tal-lukanda fejn huwa impjegat l-esponenti;*

b. *Finalment, u ghal kull buon fini, l-ittra ma ghandha ebda forma ta' identifikazzjoni ohra, lanqas in-numru tal-karta tal-identità ta' l-esponenti, li certament kienet tghin fl-identifikazzjoni tal-esponenti.*

3. *Illi in vista tal-fatt li l-esponenti QATT ma gie notifkat personalment bl-ittra ufficjali de quo, ma giet prezentata l-ebda risposta fl-atti tal-istess ittra u b'konsegwenza li l-ittra ufficcjali giet reza ezekuttiva nhar l-20 ta' Dicembru 2017;*

4. *Illi sussegwentement, fid-9 ta' April 2018, inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 708/2018 fl-ismijiet Paul Borg vs. Gordon Sammut in ezekuzjoni ta' l-ittra ufficcjali surreferita. Kien proprju wara li gie prezentat is-sekwestru li -esponenti ntebah x'gara. U sar jaf bl-ezistenza tal-istess ittra ufficcjali.*

5. *Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi, a tenur tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12, l-esponenti qieghed jitlob ir-rexissjoni eventwali nullita tat-titolu ezekuttiv li nkiseb mill-intimat permezz tal-ittra ufficcjali 2394/2017*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrexxindi u tiddikjara null u minghajr effett it-titolu ezekuttiv ottjenut mill-intimat permezz tal-ittra ufficcjali 2394/2017 u dan a tenur tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

**2.** Rat illi fil-5 ta' Lulju 2018 l-intimat Paul Borg ippresenta r-risposta tiegħu fejn laqa' ghal dak mitlub billi qal is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r- rikorrent gie debitament notifikat fuq il-post tax-xoghol minhabba li rrizulta li kien hemm incertezza rigward il-propju post ta' residenza tieghu;*

2. *Illi fit-tieni lok in-notifika saret regolarment skont il-ligi fuq il-lant tax-xoghol propju tar-rikorrent, ossija r-Radission Blue Resort, San Giljan Malta, u dan senjatament fil-konfini tar-rekwiziti kollha eccepti mill-ligijiet li jittrattaw in-notifiki f'dan ir-rigward, stante li r-rikorrenti huwa mpjegat fil-post fejn gie nnotifikat l-att;*

3. *Illi fit-tielet lok in-nuqqas tan-numru tal-karta tal-identità hekk kif sottomett fir-rikors promomotur tar-rikorrent, ma jwassalx ghan-nullita tal-istess ittra ufficcjali u dan in vista tal-fatt li l-identifikazzjoni tar-rikorrenti giet sodisfatta b'dettalji ohra u dan anke inkluz tal-fatt li l-ittra de quo giet segwita b'att iehor senjatament l-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 708/2018, li jgib in-numru tal-karta tal-identità tar-rikorrent;*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost u ghal kull buon fini, qed jigi sottomett li l-ittra ufficcjali kellha tigi rizolta mill-esponent wara li r-rikorrenti ma' hallasx lill-istess esponent dak li kien dovut lilhu ossija l-ammont soggett tal-ittra ufficcjali. Stante, li ghal zmien twil r-rikorrenti stess kien iwieghed li kien se jhallas l-ammont dovut izda minkejja diversi nterpellazzjonijiet mill-esponent, r-rikorrent dejem baqa inadempjenti;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Ghaldaqstant l-imsemmija ittra ufficcjali saret skond il-ligi w ghalekk m'hemmx lok li t-talba tar-rikorrent tigi milqugha, u ghandha tigi michuda bl-ispeijez kontra tieghu.*

**3.** Rat il-vera kopja tal-Ittra Ufficjali 2394/17 fl-ismijiet 'Paul Borg vs Gordon Sammut' flimkien ma' riferti, ppresentata mir-rikorrent permezz ta' nota fit-8 ta' Gunju 2018 (fol 17)

**4.** Rat illi fit-28 ta' Mejju 2018 il-kawza thalliet ghal provi

## 2. Provi

1. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **Gordon Sammut** moghtija in eżami u kontro eżami fil-5 ta' Lulju 2018.

2. Semgħet ix-xhieda ta' **Lindsay Anne Borg,** Human Resources Manager fi hdan il-Hotel Radisson Blue St. Julians, prodotta mir-rikorrent u moghtija in eżami u kontro eżami fil-5 ta' Lulju 2018.

3. Semgħet ix-xhieda ta' **Clara Garroni**, illi kienet receptionist fil-Hotel Radisson Blue, St. Julians, prodotta mir-rikorrenti u moghtija in eżami u kontro eżami fit-12 ta' Novembru 2018.

4. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2019 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

5. Rat illi fit-28 ta' Marzu 2019 l-intimat ddikjara illi ma kellux provi x'jippresenta.

6. Rat illi fit-28 ta' Marzu 2019 il-kawża ġiet differita ghat-trattazzjoni finali ghall-1 ta' April 2019.

7. Rat illi fl-1 ta' April saret it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita ghallum ghas-sentenza.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi l-intimat Paul Borg, fl-24 ta' Ottubru 2017, ippresenta Ittra Ufficjali kontra Gordon Sammut a tenur tal-Artikolu 166A fejn interpella l-istess Sammut

sabiex ihallas lill Borg l-ammont ta' €3,000 "*fuq bilanċ ta' xoghol ta' appalt li gie ikkuntrattat minnek*".

2. Jirrizulta illi f'tali Ittra Ufficjali, l-intimat ma ta' ebda dettalji ta' identifikazzjoni tar-rikorrent Gordon Sammut, u indirizzaha ġewwa 'Radisson Blu Resort, Bajja ta' San Gorg, San Giljan".

3. Jirrizulta illi l-Ittra Ufficjali wasslet ġewwa Radisson Blue Resoirt nhar l-1 ta' Novembru 2017, fejn ġiet riċevuta minn Clara Garroni.

4. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi Clara Garroni hija receptionist ġewwa l-lukanda Radisson Blue Resort u kienet hi illi rċeviet tali Ittra Ufficjali.

5. Jirrizulta, skond ix-xhieda tar-rikorrenti Gordon Sammut, illi huwa jahdem ma' Corinthia Caterers, illi precendentement kienu Island Caterers, u l-ufficju tagħhom, dak iz-zmien, ma kienx fil-Hotel Radisson Blue St. Julians, iżda kien faċċata ta' tali Hotel, fil-kumpless ta' bini illi fih jinsab tali Hotel, u huwa qatt ma inghata tali Ittra Ufficjali – Clara Garroni ma kienetx f'pozizzjoni tikkonferma jekk tatx kopja tal-Ittra Ufficjali lir-rikorrent jew le, ghalkemm ikkonfermat illi kienet tafu ghax kienet tarah hemmhekk.

6. Jirrizulta illi l-Ittra Ufficjali ġiet reza eżekuttiva fl-20 ta' Dicembru 2017. (fol 19)

7. Jirrizulta, dejjem skond r-rikorrent Gordon Sammut, illi huwa gie a konoxxenza tal-Ittra Ufficjali biss wara illi fid-9 ta' April 2018 l-intimat Paul Borg hareg Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra tieghu u gharrfu bih il-General Manager tal-Lukanda Radisson Blue.

8. Jirrizulta illi Gordon Sammut ippresenta l-proceduri odjerni fis-17 ta' April 2018.

9. Jirrizulta illi, permezz tal-proceduri odjerni, r-rikorrent Sammut qieghed prinċipalment jikkontesta l-validita' ta' l-Ittra uffiċjali stante illi kkontenda illi l-Ittra Ufficjali ma ġietx lilu notifikata kif trid il-Ligi.

## 4. Konsiderazzjoni Legali

1. Jirrizulta illi dwar il-kwistjoni tal-validita' legali tan-notifika, l-Qorti tagħmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Fl-atti tal-ittra ufficjali taht l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 5062/2007 fl-ismijiet: - Benjamin Mangion Ltd. (C22251) u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2017 isem is-socjeta' Benjamin Mangion Ltd ghandu jaqra BMFD Limited vs James Catania, f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Softual Developments Co. Ltd. (C34456)**", Rik Nru 66/16, deċiża fil-15 ta' Mejju 2018, fejn il-Qorti dahhlet fid-dettal fil-kwistjoni u qalet is-segwenti:

> *Jibda biex jinghad li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata ad litteram - Vol XVII p1 p 879:*
>
> *Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "osservata alla lettera e non per equipollens". Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati ad unguem. (ara Qorti ta' l-Appell 14.06.2001,* ***Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat****).*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet* ***Said International Limited vs MAC Limited et*** *inghad li:*

> *"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."*

*Kif akkolt mid-decizjoni fuq l-istess materja hawn ritrattata fil-kawza fl-ismijiet "****Alessandro Delhin -vs- Antonio Darmanin et****", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Novembru 1927 (Vol XXVI pII p498) "da tale disposizione (illum Art 187 tal-Kap 12) si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura di fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi,* ***nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa e al servizio della persona medesima****".* (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

*Fl-istess sens u tal-istess fehma d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili filkawza fl-ismijiet "****Carmelo Scerri –vs- Emmanuele Portelli et****", 18 ta' Frar 1974.*

*Naturalment l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap 12, u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att seta' jithalla. Cio' nonostante, l-istess hsieb formulat fil-precitata sentenza jibqa' wiehed validu. Tant dan hu hekk illi fis-sentenza fl-ismijiet "****Alfred Cachia nomine -vs- Salvino Sullivan et noe****", Appell, 27 ta' April 1987, jinghad dan:*

> *"Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija ntiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami talimsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qed tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda."*

*Din il-Qorti ssostni li n-notifika ta' att gudizzjarju ghandu jigi meqjus validu meta jezistu c-cirkostanzi kif kontemplati fl-Artikolu 187(1) tal-Kap 12 (llum emendat) u cioe' li n-notifika issir:*

> *"lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna, jew f'idejn il-prokuratur taghha, jew persuna awtorizzata minnha6 biex tircievi l-posta taghha".*

*Dan l-artikolu u cioe' l-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 gie abbraccjat u osservat mill-Qorti tal-Appelli Inferjuri fis-sentenza '**Angelo Bartolo noe vs Emmanuel Zammit**' deciza fit-30 ta' Marzu 2001 fejn gie ritenut li:*

> *"in-notifika ta' att issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li liha l-iskrittura tkun notifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur legali taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha".*

*Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc** tat-28 ta' Marzu, 2007 qalet hekk dwar il-proċedura tan-notifika ta' atti ġudizzjarji:*

> *"In-notifika f'idejn min hu indikat li jircievi l-posta f'dawk ic-cirkustanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B'dan il-mod l-Artikolu 187 (1) precitat johloq il-presunzjoni iuris tantum illi nnotifikand hu xjenti mill-att ta' l-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att."*

2. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent ma jahdimx mal-Hotel Radisson Blu Resort, iżda jahdem ma' Corinthia Caterers, illi dak iz-zmien kellhom uffiċini biswit il-Hotel Radisson Blue Resort.

3. Jirrizulta illi, anke jekk, *dato non concesso*, jitqies illi r-rikorrent gie notifikat fil-post tax-xoghol tiegħu, tali Ittra ma thallietx "*f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta taghha*", kif tipprovdi l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12, u għalhekk tali notifika ma tistax titqies bhala wahda valida fil-Ligi.

4. Jirrizulta, ghalhekk illi r-rikorrenti kellu kull dritt illi jintavola l-proceduri odjerni a tenur tal-Artikolu 166 (5)(i) tal-Kap 12, fejn huwa jinghata d-dritt illi jitlob ir-rexissjoni tat-Titolu Ezekuttiv stante illi "*d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss*" u dana peress illi jirrizulta car illi d-dettam rikjest fl-Artikolu 187(1) ma ġiex segwit meta saret in-notifika tal-Ittra Ufficjali meritu tal-kawża odjerna.

## 5. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet kollha

Tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet ta’ l-intimat Paul Borg, u għalhekk

**Tilqa** t-talba attriċi kif dedotta, u għalhekk,

**Tiddikjara** nulla u bla effett it-Titlu Ezekuttiv ottjenut mill-intimat Paul Borg permezz tal-Ittra Ufficjali 2394/17 fil-konfront tar-rikorrenti Gordon Sammut.

**Spejjez** tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tal-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur